MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 010

L-Erbgħa 6 ta' Novembru, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Joseph Farrugia (JF) Sindku<br>
Is-Sur Scott Camilleri (SC) Viċi Sindku<br>
Is-Sur Stanley Zammit (SZ) Kunsillier<br>
Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) Kunsillier<br>
Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) Kunsillier<br>
Is-Sur Carlo Stivala ( CS) Kunsillier<br>
Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):<br>
Nil

ASSENTI<br>
Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) Kunsillier<br>
Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) Kunsillier

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ppresjeda

## Minuti

## 10.1 PA02654/19;

10.1.1 Filwaqt li pubblikament stqarr l-opinjoni tieghu dwar il-progett, is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, hass li kien gie mghoddi biz-zmien fi tliet okkazzjonijiet. Dan peress illi skont hu, l-informazzjoni li kien inghata waqt tliet laqghat li kellu, kienu qarrieqa fil-konfront tal-Kunsill Lokali innifsu u tar-residenti ta' Birzebbuga.

10.1.2 Is-Sinjuri Stanley Zammit, Carlo Stivala, Alexander Caruana u Maria Mifsud qablu mad-dikjarazzjoni li kien ghamel is-Sindku

10.1.3 Is-Sa. Josett Busuttil staqsiet lis-Sindku jekk l-oggezzjoni li kien qieghed jaghmel il-kunsill Lokali kenitx fil-konfront ta' Transport Malta jew tal-Ministeru tat-Turizmu. Is-Sindku sahaq illi l-oggezzjoni kienet fil-konfron ta' min kien qieghed jimplimenta l-progett.

10.1.4 Wara diskussjoni libera, li matulha l-Kunsillier Alexander Caruana ta' spjegazzjoni dettaljata ta' dak li kien sehh dwar il-progett sad-data tas-seduta, il-Kunsillier Carlo Stivala sahaq illi huwa ma kienx kontra l-progett innifsu izda kontra s-sistema tat-traffiku li kienet qieghda tigi proposta fi Triq San Patrizju.

10.1.5 F'dan l-istadju, il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kemm il-darba jkun hemm il-htiega, rapprezentant tal-Ministeru ghat-Turizmu kien lest li jiccara eventwali dubji permezz tat-telefon waqt l-istess seduta. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel uzu mit-telefonata msemmija.

10.1.6 Segwiet diskussjoni li matulha, membri tal-Kunsill Lokali staqsew lill-imsemmi rapprezentant mistoqsijiet dwar il-progett li kien qieghed jigi propost u l-pjanti li kienu gew sottomessi.

10.1.7 Is-Sur Stanley Zammit sahaq illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jircievi zewg pjanti godda li kellhom jirriflettu dak li kien qieghed jipproponi l-Kunsill Lokali u cioe illi t-traffiku fi Triq San Patrizju jinstaq fiz-zewg direzzjonijiet.Is-Sur Zammit sahaq illi l-pozizzjoni ufficjali tal-Kunsill Lokali kella tkun is-segwenti.

"F'dan l-istadju il-Kunsill Lokali jemmen illi l-applikant ghandu jissottometti pjanti godda jew modifikati b'tali mod illi fi Triq San Patrizju u f'Misrah is-Summit, ikun possibbli illi t-traffiku jinsaq f'zewg direzzjonijiet minghajr ma jintmessu l-ispazji ta' parkegg li diga' kien hemm"

Is-Sur Alexander Caruana issekonda l-proposta tas-sur Zammit u kien hemm sitt voti favur u vot wiehed kontra.

Is-seduta ntemmet fis-7:20 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

Konfermati, illum 25 ta’ Novembru, 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | _________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |